MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 500/2009

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Carmelo Farrugia (K.I. 371967M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ mija, hamsa u sittin ewro, u disgha u hamsin ewro centezmi (€165.59) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilu fuq *Client Contract Number* 1020730 u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjes inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Marzu, 2009 dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-PL Peter Paul Sammut fit-22 ta' Frar, 2010 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------